# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020**

**Numru 8**

**Rikors Numru 640/2018 TA**

**Jesmond Vella K.I. 341971 (M)**

**vs**

**Simone Ann Marie Attard K.I. 443003 (L)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur Jesmond Vella tad-19 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni amoruża minn versu Marzu 2012.

2. Illi ftit wara, din ir-relazzjoni żviluppat tant li versu April tas-sena 2012, l-attur kien mar jgħix mal-konvenuta ġewwa l-flat tagħha Flat 2, 13, Mon Cheri, Triq Nicol Montebello, Qormi.

3. Illi l-partijiet kienu anke qed jipproġettaw li jiżżewġu, u għażlu li jirregolaw ir-relazzjoni tagħhom (kif ukoll f'każ ta' tħassir tar-relazzjoni tagħhom) permezz ta' kitba ta' qabel iż-żwieġ quddiem in-Nutar Dottor Victor John Bisazza tad-9 ta' Jannar 2013 (kopa annessa Dok JV1).

4. Illi difatti kif dikjarat fi klawsola 2 tal-kuntratt Dok JV1, l-attur daħal f'diversi spejjeż u għamel benefikati fil-proprjeta` tal-konvenuta, u dan tal-valur maqbul ta' EUR23,000 kif dikjarat fl-istess kuntratt. Illi l-attur kien ħa finanzjament f'ismu personali f'Settembru 2012 mingħand HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' EUR 13,000 u ssellef EUR 10,000 oħra mingħand ommu Aloisia sive Louise Vella, sabiex ikun jista' jagħmel dawn ix-xogħlijiet. Illi dawn ix-xogħlijiet kienu inter alia jinvolvu kamra tal-banju ġdida, tkabbir ta' gallarija, bibien, tibjid, għamara u manutenzjoni. Illi l-materjal u spejjeż saru kollha mill-attur, u x-xogħol sar in parti anke mill-attur stess.

5. Illi l-partijiet kellhom diversi problemi fir-relazzjoni tagħhom tant li għal raġunijiet varji r-relazzjoni bejn il-partijiet fl-aħħar spiċċat fix-xejn versu Ottubru tas-sena 2016 u l-attur ma baqax jgħix mal-konvenuta.

6. Illi għalhekk l-attur talab lill-konvenuta ai termini ta' klawsola 2 tal-kuntratt Dok JV1 sabiex tħallas l-ammont dovut lilu, u l-konvenuta bdiet tħallas ċirka EUR100 fix-xahar fi flus kontanti lill-attur tramite ommu Louise Vella, u dan kif jidher mill-irċevuta annessa Dok JV2, fejn il-konvenuta ħallset 800 euro minn Ottubru 2016 sa Mejju 2017 u mbagħad waqfet il-pagamenti fis-sajf tas-sena 2017.

7. Illi l-attur għalhekk bagħat ittra uffiċjali lill-konvenuta datata 13 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet "Jesmond Vella vs Simone Marie Ann Attard" (ittra 3813/2017 Prim'Awla), kopja annessa Dok JV3, fejn interpella lill-konvenuta sabiex tħallas l-ammont kollu dovut lilu minnufih, bl-imgħaxijiet mid-data tal-istess ittra.

8. Illi b'ittra uffiċjali responsiva datata 20 ta' Novembru 2017 (ittra 4398/2017 Prim'Awla), kopja annessa Dok JV4, il-konvenuta rrispinġiet it-talbiet tal-attur.

9. Illi l-konvenuta ħallset biss 40 euro kull xahar f'Settembru, Ottubru u Novembru 2017, u mbagħad reġgħet bdiet tħallas 100 euro fix-xahar minn Diċembru 2017, fejn għalhekk ħallset EUR 600 oħra bejn Diċembru 2017 u Mejju 2018, u dan kif jirriżulta mill-'bank satement' anness Dok JV5.

10. Illi għalhekk sallum il-konvenuta ħallset biss l-ammont ta' EUR 1,520 lill-attur, akkont ta' dak dovut lilu. Illi għalhekk sallum għad hemm dovut l-ammont ta' EUR 21,480 lill-attur, kif spjegat fl-iskeda annessa Dok JV6.

11. Illi għalhekk l-attur kellu jiftaħ il-kawża odjerna.

Għaldaqstant tgħid il-konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' EUR 21,480 u/jew somma verjuri, u dan kwantu għal benefikati effettwati mill-attur iżda pagabbli mill-konvenuta ai termini ta' klawsola 2 tal-kuntratt datat 9 ta' Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza.

2. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' EUR21,480 u/jew somma verjuri skont l-ewwel talba.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 3813/2017, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali ċioe` mit-13 ta' Ottubru 2017, u bil-konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta tal-25 ta' Settembru 2018 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju għar-risposta ulterjuri dan il-kuntratt ġja ġie reż eżekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Ottubru 2017 fejn intalab l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf u mitejn euros (euros 22,200) u għalhekk din il-kawża hija intempestiva u ma tistax issir għax it-talbiet ġja ġew reżi eżekuttivi.

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzji għas-suespost l-ammont għalkemm ġie miftiehem kien bil-kundizzjoni li l-partijiet jiżżewġu u t-tort tat-tifrik tal-għerusija kien ir-rikorrenti u għalhekk mingħajr preġudizzju r-rikorrenti huwa dovut li jħallas tas-serviġi leżi lilu tal-kera u spejjes oħra dovuti.

3. Illi kif ġja ingħad l-esponenti qiegħda tħallas regolarment is-somma ta' circa mitt euros (euros 100) fix-xahar liema somma ġiet aċċettata mir-rikorrenti u qiegħed jaċċetta tali somma tiġi mħallsa fix-xahar."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet u qrat ix-xhieda prodotti mill-partijiet fil-perkors tal-Kawża;

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Il-partijiet kienu għarajjes. Għall-ħabta ta' April 2012, l-Attur mar jirrisjedi mal-Konvenuta fil-flat tagħha numru 2, 13, Mon Cheri, Triq Nicol Montebello, Qormi. Jidher li kellhom intenzjoni li jiżżewwġu tant li saħansitra għamlu kitba ta' żwieġ bejniethom fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tad-9 ta' Jannar 2013 ( Dok JV1 a' fol 6 u kif ukoll Dok VB1 a' fol 45). Permezz ta' dan il-kuntratt ma rregolawx biss ir-reġim matrimonjali li kellu jopera bejniethom għal meta jiżżewwġu iżda qablu ukoll li f'każ li r-relazzjoni ta' bejniethom tispiċċa kellhom jsiru xi ħlasijiet lill-Attur għar-raġunijiet spjegati fl-istess kuntratt.

Ġara, li għal ħabta ta' Ottubru 2016, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiċċat. Il-konvenuta bdiet tagħmel xi ħlasijiet lill-Attur (ara dok a' fol 8 ). Il-partijiet ikkonvenew, li f'kas ta' tħassir tar-relazzjoni ta' bejniethom għal aktar minn sitt xhur, l-għarusa tkun obbligata li tħallas lura kull somma oħra kif aħjar spjegat fl-imsemmi kuntratt.

Il-Konvenuta waqqfet għal kollox milli tkompli tagħmel ħlasijiet. Permezz ta' ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 2017, l-Attur interpellaha biex tħallas l-ammont ta' €22,200 flimkien mal-imgħaxijiet. Fl-istess ittra informaha ukoll li kien qiegħed jirrendi l-imsemmi kuntratt eżegwibbli ai termini tal-artikolu 253 u 256 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. B'ittra responsiva tal-20 ta' Novembru 2017 ikkontestat l-ammont mitlub bil-pretensjoni li hu kien debitur tagħha għal flejjes oħrajn, tant anke li inizzjat proċeduri għall-ħlas kontra tiegħu wara li saritilha l-kawża odjerna.

L-Attur għalhekk kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

Dawn huma tnejn:

L-ewwel punt jittratta l-intempestivita' tal-Kawża u li l-kawża ma setgħetx issir peress li bis-saħħa tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 2013 it-titolu diġa' ġie reż esekuttiv. Il-Qorti fehmet li r-referenza hija għall-artikou 253(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

It-tieni punt jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk fiċ-ċirkostanzi kienx hemm l-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-Konvenuta. Qed tgħid ukoll li huwa l-Attur li jaħti għat-tħassir tar-relazzjoni bejn il-partijiet u li għalhekk irid jagħmel tajjeb għall-ħlas tas-serviġi lilu reżi minnha, fost oħrajn tal-kera u spejjes oħra dovuti.

*L-intempestivita' u l-applikazzjoni tal-artiklu 253 (b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti tistqarr li provat tifhem kif il-prinċipju ta' intempestivita' għat-talba ta' ħlas mill-Attur, hi b'xi mod marbuta mal-applikazzjoni tal-artiklu tal-liġi imsemmi. Il-ħlas li għandha quddiemha l-Qorti huwa soġġett għall-kundizzjoni sospensiva konsistenti fi ġrajja li għad trid tiġri u li ma hiex żgura. Fil-każ odjern il-ġrajja tikkonsisti fl-eventwalita' li jkun hemm

tħassir tar-relazzjoni tal-partijiet. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-artikolu tal-liġi applikabbli huwa artikolu 1063 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi:

*"(1) Il-kondizzjoni suspensiva hija dik illi tagħmel l-eżistenza tal-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li għad trid tiġri u li mhux żgura.*

*(2) L-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja tiġri."*

Dan l-artikolu jiddistingwi ruħu mill-frażjoloġija f'artikolu 1070(2) tal-Kodiċi Ċivili inkwantu f'dan l-aħħar artiklu, il-benefiċċju tal-ħlas mogħti lid-debitur huwa marbut ma' jum żgur jew ġrajja li għandha tiġri żgur, għalkemm f'jum mhux żgur. Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti il-ħlas mertu tal-kawża huwa marbut ma' ġrajja li ma hiex żgura u ċioe' tħassir ta' relazzjoni. Fir-rigward tal-artikolu 1063 tal-Kodiċi Ċivili, fis-**Sentenza PA tat-28 ta' April 2011 fl-ismijiet Thomas Farrell et -vs- Joseph Mercieca et** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*"Illi l-obbligazzjoni li l-imħarrkin-bejjiegħa kellhom mal-atturi xerrejja kienet waħda kondizzjonali fis-sens tal-artikolu 1063 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, qabel ma dik il-ġrajja sseħħ, l-obbligazzjoni ma teżistix. Kemm hu hekk, jingħad li 'durante la pendenza della condizione sospensiva il diritto che deriva dal negozio non e` ancora nato, ma vi e` la possibilita` che esso nasca'."*

Għalhekk fir-rigward ta' kull pagament li qed jintalab fil-Kawża odjerna, ma hemm ebda dubbju li skont il-pattijiet miftehma bejn il-pattijiet l-ammont qiegħed jintalab tempestivament. Mhux biss ma hemmx kontestazzjoni li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tħassret, iżda ukoll għaddew sitt (6) xhur mit-tħassir tagħha.

Minn naħa l-oħra, jekk b'intempestivita' l-Attriċi qed tifhem li l-Attur kien qiegħed jaċċetta ħlasijiet ratejali anke jekk mhux mifthema fil-kuntratt u għalhekk ma setgħax jitlob l-ammont kollu li kien fadal, il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Il-partijiet għall-ftehim ftehmu li l-konvenuta *"tħallas lura* ***kull somma*** *li sal-lum intefqet mill-għarus...."* (emfażi tal-Qorti). Huwa l-ftehim li jibqa jorbot, minkejja kull tolleranza da parti tal-Attur li jirċievi xi pagamenti mill-ammont dovut u dan in omaġġ mal-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*.

Di piu' ma hux dubitat li l-kuntratt pubbliku tad-9 ta' Jannar 2013 huwa kitba ta' żwieġ. Artiklu 1245 tal-Kodiċi Ċivili jispeċifika s-segwenti "*Kull kitba ta' żwieġ, tibdil, jew kontro-dikjarazzjoni, ma jiswewx jekk ma jsirux b'att pubbliku".* F'dan ir-rigward jikkonkordaw l-awturi li *"I contratti matrimoniali che non siano fatti per atto pubblico, sono nulli per difetto di forma, si hanno per non avvenuti. Con essi sono nulle tutte le convenzioni e disposizioni che contengono, siansi esse fate fra i congiugi, o da un terzo ad uno di essi o ad ambedue, e quantunque si sarebbero potute fare validamente senza atto pubblico; sempreche' abbiano*

*relazione col contratto nuziale.* (**Emidio Pacifici-Mazzoni, Istituzioni Diritto Civile, Vol V, pg 369, Firenze 1873**).

Fiċ-ċirkostanzi l-aċċettazzjoni ta' pagamenti ratejali da parti ta' Attur ma jipprekludihx milli jitlob kull bilanċ li jkun fadal f'daqqa. **Emidio Pacifici-Mazzoni** jkompli jispjega li *"Il pagamento intero deve essere fatto una sola volta. Il pagamento deve essere fatto nel termine fissato dal titolo costitutivo dell'obbligazione. Se il termine e' stato apposto a' favor debitore, non puo' essere costretto, ma ha la facolta' di pagar prima. Se invece e' stato apposto a favor del creditore, questi non puo' essere costretto a ricever prima l-pagamento; ma ha il diritto di richeiderlo."* **(Istituzioni Diritto Civile , Vol V , Para 107, pg 214. Firenze 1873).** Dan ifisser li hekk bħal kull terminu għall-ħlas għandu jkun rispettat, hekk ukoll għandu jkun rispettat il-ħlas f'daqqa jekk ma jkun ġie iffissat ebda terminu, bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Il-Konvenuta bħal donnha li torbot ukoll il-kwistjoni ta' intempestivita', mal-fatt li l-Attur diġa' għandu titolu esekuttiv għar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, fis-sens, li allura ma setgħetx tipproċedi b'din il-Kawża. Il-Qorti f'dan l-argument tilmaħ, mhux kwistjoni ta' intempestivita', iżda aktar waħda tal-inattendibilta' tal-azzjoni. L-intempestivita' tippresumi t-talba tal-ħlas qabel iż-żmien miftiehem u kif diġa' spjegat aktar 'l fuq, dan ma jidhirx li huwa l-każ.

Il-Qorti issa ser tqis ukoll jekk il-Kawża odjerna setgħetx tkun proposta fid-dawl tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 2017. Skont il-Konvenuta, it-titolu naxxenti mill-Kuntratt notarili fuq imsemmi favur l-Attur, diġa' ġie reż esekuttiv in virtu' tal-artiklu 253(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Kawża ma setgħetx issir. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Meta l-Attur presenta l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 2013, għalkemm jingħad li dik saret ai fini tal-artiklu 253(b), minn eżami tal-kuntratt notarili ma jirrisultax li kien hemm ammont li hu ċert u likwidu. F'dak il-kuntratt, li jingħad hu li *"il-partijiet jaqblu illi f'kas ta' tħassir tar-relazzjoni bejniethom għal aktar minn sitt xhur l-għarusa tkun obbligata li tħallas lura kull somma li sal-lum intefqet mill-għarus oltre' xi somma oħra kif spjegat fil-paragrafu erbgħa(4) ta' dan l-Att."* Fi ftit kliem, is-somma li hi dovuta hija waħda li kienet għadha trid tiġi stabbilita. Dan ifisser, li l-elementi ta' ċertezza u likwidita' huma neqsin, tant li l-Konvenuta mhux biss ikkontestat l-ammont li qed jintalab permezz tal-ittra uffiċjali responsiva tal-20 ta' Novembru 2017, iżda kif ukoll permezz tar-risposta ġuramentata tagħha (a' fol 11 u 21).

Il-Konvenuta saħansitra tgħid li pproċediet b'kawża oħra fejn qegħdha titlob ċertu ammonti mingħand l-Attur. Di fatti intavolat il-Kawża fis-26 ta' Marzu 2018 kontra l-Attur (ara fol 40). Għalhekk, ma jfissirx li min jirrikorri għall-proċedura taħt dan l-artiklu, jekk jidhirlu li jkun aħjar, huwa

prekluż milli jipproċedi ordinarjament b'kawża. Dan sewa anke għall-Konvenuta, li taħt l-artiklu 253(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, ma għandhiex mezzi daqstant effikaċi biex tikkontesta l-pretensjonijiet tal-kreditur fl-eventwalita' li jipproċedi biex jesegwixxi titolu akkwistat bis-saħħa tal-artiklu inkwistjoni. Li huwa żgur hu, li jekk l-Attur jottjeni ġudizzju favorevoli f'din il-Kawża, wara ma jkunx jista' jippretendi li jerġa' jitlob l-istess ħlas bis-saħħa tat-titolu 253(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Jekk jagħmel hekk ikun abbuż manifest minn naħa tal-kreditur.

Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

*<u>Inadempjenza kuntrattwali</u>*

Jibda biex jingħad li l-obbligazzjoni titwieled fil-ġurnata tal-ftehim, biss dak li ma jistax jingħata ħlief fiż-żmien stabbilit ma jistax jintalab qabel l-għeluq ta' dak iż-żmien. (Ara Artikolu 1072, Kodiċi Ċivili u "**Spiridione Camilleri -vs- Neguzjant Godwin L. Muscat", Appell Kummercjali, 23 ta' Ottubru, 1936**). Dan ifisser li *a' contrariu sensu* dak li jkun dovut, jrid jitħallas meta jkun mitlub u li d-debitur ma jistax jirresisti l-ħlas.

Jibda biex jingħad li l-Konvenuta kienet diġa' bdiet tħallas diversi ammonti lill-Attur. Jidher ukoll, li hi kienet aċċettat li tassew kien dovut lilu l-ammont ta' €23,000. Di fatti għal diversi mistoqsijiet li sarulha dwar dan l-ammont, hija qatt ma wieġbet li ma ma taqbilx ma din iċ-ċifra, anzi fuq mistoqsija speċifika jekk qablux fuq dan l-ammont hi univokament wieġbet

'Yes' (ara xhieda a' fol 49 tergo). Għalhekk ma hux kontestat li dak li qiegħed jintalab f'din il-kawża huwa l-bilanċ ta' dak li fadallha tħallas mis-somma imsemmija u dan kif jirrisulta mill-konteġġ kif korroborat permezz ta' riċevuta u bank statements (a' fol 8 ,13 u 14). Iġifieri jirrisulta għalhekk li l-ammont li qed jitlob l-Attur huwa mhux biss korrett iżda aċċettat ukoll mill-Konvenuta.

Fl-eċċezzjoni numru 2 , il-Konvenuta fil-mertu ma tikkontestax is-somma li qed tintalab mill-Attur. Tgħid biss li t-tifrik tal-għerusija kien jaħti għalih l-Attur u li għalhekk għandu jħallasha għas-serviġi reżi u spejjes oħra. Iżda l-Qorti tissolleva, li l-ħlas huwa marbut **biss** mal-fatt li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tispiċċa. Mingħajr ma jsir ebda rifless fuq il-kawża li għamlet l-Konvenuta kontra l-Attur, dak li trid teżamina l-Qorti f'din il-kawża huma l-konvenzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' bejniethom. Fih ma hemm xejn stipulat fis-sens li l-ammont li qed jintalab huwa marbut mat-tort jew responsabilita' ta' xi waħda mill-partijiet għat-tkissir ta' għerusija jew relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Tajjeb ukoll li jingħad li dan il-kuntratt kien jibqa' validu anke fl-eventwalita' ta' żwieġ u mhux biss għerusija. Kieku sar iż-żwieġ u għal xi raġuni saret separazzjoni personali jew tħassar iż-żwieġ, bis-saħħa ta' dan il-kuntratt ir-raġel kien ikun intitolat għall-prelevament parafernali fl-ammont mertu ta' din il-kawża kontra l-mara.

Kwantu għal dak li qed tgħid il-Konvenuta li l-Attur minn naħa tiegħu għandu jħallasha tas-serviġi reżi, u dwar liema pretensjoni, kif ingħad aktar 'l fuq, presentat kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kompetenza Ċivili tagħha, din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn. L-eċċezzjoni ma hiex waħda ta' tpaċija għaliex kieku stess biex din tirnexxi l-ammont pretiż irid jissodisfa ċertu kriterji ġuridiċi li fil-każ odjern ma jesistux (ara **Sentenza fl-ismijiet Perit Vincent Cassar noe -vs- Nicholas Debono sive Lino et tat-22 ta' Marzu 2005, Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Joseph R Micallef**). L-anqas ma l-Konvenuta ma ipprevaliet ruħha mill-Istitut tar-Rikonvenzjoni biex din il-Qorti setgħet tkun adita biex teżamina l-pretensjonijiet tal-Konvenuta f'dan ir-rigward.

Għalhekk il-Qorti hija konvinta li l-Attur, abbażi tal-provi prodotti u prinċipji legali involuti, irnexxielu jipprova l-pretensjonijiet tiegħu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad u tirrispinġi** l-eċċezzjonijiet kollha tal-Konvenuta;

**Tilqa'** l-ewwel talba attriċi;

**Tilqa'** it-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-Konvenuta tħallas lill-Attur is-somma wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tmenin ewro (€21,480) bl-imgħaxijiet legali mis-Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes tal-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali 3813/2017 a' karigu tal-Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**